# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

Onor. Imhallef Giovanni M.GrixtiLL.M., LL.D.

**Appell Numru 465/2014**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jesmond J .Borg)**

**Vs**

**Daniel Gatt**

Seduta tad-29 ta' April, 2021

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Daniel Gatt detentur tal-karta tal-identita' numru 330789 (M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fil-lejl bejn it-28 u d-29 ta' Ġunju 2008, kif ukoll fix-xahrejn ta' qabel, f'ħinijiet differenti u fi bnadi oħra f'Malta

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-Drogi

Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-kontroll intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fl-10 ta' Novembru 2014 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daniel Gatt' li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u kkundannatu għal piena ta' sitt xhur priġunerija u ghall-multa ta' seba' mija u ħamsin Euro (€750) li tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' €50 b'dan illi jekk jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ ikun dovut minnufih u jkun konvertit fi priġunerija;

Rat ir-rikors tal-appell intavolat fid-19 ta' Novembru 2014 fir-reġistru ta' din il-Qorti li bih l-appellant talab **ir-revoka** tas-sentenza appellata u konsegwentement il-liberazzjoni minn kull imputazzjoni, ħtija u piena; jew alternattivament **tirriforma** s-sentenza appellata billi tvarjaha fil-parti tal-piena nflitta u minflok tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant kif ordnata mill-Qorti.

Semgħet lill-partijiet;

Ikkonsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrisalu ghas-sena 2008 meta l-imputat kien arrestat wara li t-tfajla tieghu kienet intercettata flimkien ma' persuna ohra allegatament lesti biex jikkonsmaw droga u l-istess tfajla stqarret li kienu xtraw id-droga flimkien mal-imputat. L-ewwel Qorti sabet htija fl-imputat sia ghar-rejat ta' traffikar kif ukoll ghal dak ta' pussess tal-istess droga u dan b'sentenza moghtija fl-10 ta' Novembru, 2014 li minnha appella l-imputat bir-rikors odjern. Fil-mori tal-appell, l-appellant intavola proceduri ta' natura kostituzzjonali sabiex jattakka l-validita' tal-istqarrija minnu rilaxxjata u formanti parti minn dawn l-atti u dan b'ezitu favorevoli ghalih liema proceduri ssoktaw fl-appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali li ghalkemm varjat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, xorta wahda ordnat li ma ssir ebda referenza ghall-istqarrija tieghu[1];

2. Illi wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, l-appellant talab lil din il-Qorti sabiex jithejja *social inquiry report* u din it-talba ntlaqghet b'digriet tal-5 ta' Marzu, 2018 liema rapport kien prezentat fit-18 t'Ottubru, 2018. F'dik l-udjenza l-appellant talab lil din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' Droga fit-termini tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta u din it-talba, wara smiegh ta' xhieda u proceduri ohra, intlaqghet fit-28 ta' Jannar 2019 bil-konsegwenza li l-proceduri kellhom jistennew l-ezitu quddiem il-Bord Ghar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga li fit-12 ta' Frar, 2020 informa lill-Qorti bl-ezitu pozittiv tal-kaz;

[1] Daniel Gatt v Avukat Generali – Qorti Kostituzzjonali 24 ta' Novembru, 2017 Rik 80/2015/ 1 SM.

3. Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra, jokkori li jkun osservat illi f'dan il-kaz, kif gia rilevat, il-Qorti kienet laqghet it-talba skond l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' Droga. Naturalment bl-akkoljiment ta' dik it-talba il-process jisubixxi waqfien ghaliex minn hemm 'il quddiem l-imputat ikun soggett ghall-ezami quddiem il-Bord Ghar-Riabilitazjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga li jkollu sa tmintax-il xahar zmien, estenibbli, sabiex jaghmel il-valutazzjoni u sussegwenti rakkomandazzjoni lil din il-Qorti. Sa dan iz-zmien kollu, il-Qorti, sia din kif ukoll dik tal-ewwel grad skond il-kaz, ma jkunu prolataw ebda sentenza fil-konfront tal-imputat u b'hekk jekk il-Qorti, f'dan il-kaz fl-istadju ta' appell, tilqa' l-aggravji u konsegwentement ma ssibx htija fl-imputat, dak iz-zmien kollu investit sabiex l-ewwel isiru l-provi u jkun ammess l-artikolu 8 imbaghad isiru l-evalwazzjonijiet tal-imputat quddiem il-Bord, ikun kollu inutili. Dan qed jinghad ghaliex dan il-fatt qed jokkorri ta' spiss fi proceduri quddiem din il-Qorti u naturalment huwa passibbli ukoll quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali u jehtieg li jkun indirizzat mill-legislatur;

4. Ventilat dan, isegwi issa ezami tal-aggravji tal-appellant bl-ewwel wiehed dirett lejn l-uzu tal-istqarrija tal-imputat u dik tat-tfajla tieghu fis-sejbien ta' htija mill-ewwel Qorti bil-gravam li dawn iz-zewg stqarrijiet ikkundizzjonaw l-proceduri kontra tieghu. L-imputat isostni li l-istqarrija tieghu ttiehdet meta kien ghad ghandu biss 18-il sena u fi zmien meta ma kienx lecitu li jikkonsulta ma' avukat. Bi gravam ta' din in-

natura jokkorri qabel xejn li jitqieghdu in rassenja l-provi li sawru l-process quddiem l-ewwel Qorti;

5. **L-Ispettur Jesmond J Borg** kien xehed illi fil-lejl bejn it-28 ta' Gunju 2008 waqt li l-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga kienu qed jassistu f'party gewwa Gianpula kienet arrestata certu Letizia minhabba konnessjoni li kellha ma' droga u mill-investigazzjoni li ghamlu dak il-hin stess rrizulta li d-droga kien fornihielha l-boyfriend taghha stess. Irnexxielu jintracca lill-imputat minn fuq it-telefon tal-arrestata u malli resaq hdejhom arrestawh. Dan irrilaxxja stqarrija fejn ammetta li kien xtara gramma kokajina flimkien mat-tfajla tieghu sabiex jehduha flimkien. Din l-istqarrija kienet esebita bhala Dok JB a fol 10 *et seq* tal-atti processwali. Din id-deposizzjoni, izda, ghandha valur probatorju biss kwantu t-tehid tal-istqarrija ghaliex dwar l-incident inniffsu l-Ispettur irrakonta dak li qalulu is-subalterni tieghu kif ser isegwi;

6. **PC 47 Chris Frendo** xehed illi dakinhar kien qed jaghmel spezzjoni fil-parkeggi u postijiet simili waqt party f'Gianpula u hemm lemah lill zewg tfajliet li dehru li qed jghamlu xi haga suspettuza. F'idejn wahda minnhom, certu Letizia, ra karta ta' €20 mrembla u mistoqsija x'kienet dik, bdiet titfixkel u wara ftit ammettiet li fil-flus kellha d-droga izda ma rieditx twiegeb minn fejn gabitha. Wara ftit kkonfermat li d-droga kien igibielha l-boyfriend taghha u mit-telefon kien traccat dan il-persuna, intalab javvicina permezz ta' messagg u kien arrestat.

7. **PC 295 Gilbert Cordina** kkonferma li l-istqarrija tal-imputat ittiehdet fil-presenza tieghu wara li inghata twissija;

8. **Letizia Sultana** xehedet illi f'dak il-lejl kienu [allura hi u xi hadd iehor bl-isem ta' Luisa] sejrin party, kienu f'parkegg qed jistennew lill-imputat biex jaqsmu gramma kokajina li kellhom flimkien bejn tlieta. Din il-gramma kienu xtrawha flimkien minn Numero Uno u hallsu ghaliha t-tlieta li huma u kienu flimkien ukoll meta xtrawha biex juzawha f'dak il-party. Appena pruvat tiehu d-droga fil-parkegg rat zewg minn nies gejjin lejha li ma kienux zaghzagh, issuspettat hazin u ramiet id-droga;

9. Il-prosekuzzjoni ezebiet l-<u>istqarrija</u> tal-imputat msemmija aktar qabel u b'hekk dawk kienu il-provi tal-prosekuzzjoni f'dan il-kaz bl-imputazzjoni principali u l-aktar serja ta' traffikar ta' droga. Kwantu l-istqarrija appena imsemmija, izda, wara li l-appellant inutilment pprotesta ruhu quddiem l-ewwel Qorti sia permezz ta' talba ghal-referenza kostituzzjonali kif ukoll fis-sottomissjonijiet tieghu sabiex din ma tittihidx in konsiderazzjoni ottjena sentenza favorevoli ghalih mill-Qorti Kostituzzjonali li ddecidiet bil-mod segwenti:

> **Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, din il-qorti tiddisponi mill-appell billi thassar is-sentenza appellata; tipprovdi, minflok billi tghid illi ghadu ma sehhx ksur tal-jedd tal-attur ghal smigh xieraq izda x'aktarx illi dak il-jedd jinkiser jekk jitkompla jsir uzu mill-istqarrija tieghu fil-process kriminali; ghalhekk tordna illi l-istqarrija titnehha mill-inkartament tal-process kriminali u illi ebda sejbien ta' htija ma jista' jigi msejjes anqas in parti fuq dik l-istqarrija u ebda sejbien ta' htija ma jista' jibqa' fis-sehh safejn imsejjes unikament fuq dik l-istqarrija.**[2]

[2] Qorti Kostituzzjonali 24 ta' Novembru 2017 – App Kost 80/2015/1 SM

10. Illi din is-sentenza u l-ordni minnha naxxenti gia tindirizza in parti l-ewwel lanjanza tal-appellant u ghalhekk fl-ezami tal-provi din il-Qorti ser tqis li dik l-istqarrija bhala inezistenti. Ghalhekk l-unika prova li l-prosekuzzjoni ghandha kontra l-imputat in kwantu l-ewwel imputazzjoni hi l-istqarrija u d-deposizzjoni tat-tfajla tieghu li wahida ma kellha qatt twassal ghall-prosekuzzjoni dwar traffikar ta' droga. Jekk ghall-mument titwarrab dik il-parti tal-ewwel aggravju rigward l-istqarrija ta' Letizia Sultana, id-dikjarazzjoni taghha hi li l-gramma Kokajina xtrawha flimkien u hallsu ghaliha flimkien u mistoqsija anke mill-ewwel Qorti biex tispjega min mar jixtri d-droga, min gabar il-flus minghandhom kollha ddikjarat illi kienu it-tlieta flimkien meta xtrawha u kulhadd hareg sehemu. Dan ifisser illi lanqas biss jirrizultaw l-elementi ta' *trafficking by sharing* li wiehed kellu jesplora l-imputazzjoni minn dik l-ottika. Jirrizulta potenzjalment biss pussess semplici konsistenti f'terz ta' gramma;

11. Din hija biss ipotezi, ghaliex il-lanjanza tal-imputat kif redatta fl-ewwel gravam testendi ukoll fuq l-istqarrija li rrilaxxjat it-tfajla tieghu. Fid-deposizzjoni taghha quddiem l-ewwel Qorti, Letizia Sultana kkonfermat interament l-istqarrija li kienet tat lill-Pulizija liema stqarrija ttiehdet naturalment fl-istess zmien u taht l-istess cirkostanzi bhal f'dik tal-imputat appellant. Ezaminati bir-reqqa l-provi akkwiziti, izda, minkejja li l-ewwel Qorti qrat lix-xhud l-istqarrija taghha, din l-istess stqarrija ma tinsabx fl-atti processwali. Issa, ghalkemm dan il-fatt ma kienx osservat mill-appellant, din il-Qorti ma tistghax tghalaq ghajnejha

ghal-nuqqas ta' dan il-forma. Din hija Qorti ta' kompetenza kriminali fejn il-provi jehtieg li jkunu prezervati b'mod metikoluz u skond il-ligi izda hija fuq kollox Qorti ta' Gustizzja u konsegwentement ma tarax kif ghandha tipprocedi b'cahda tal-appell anke jekk issa si tratta ta' ezami dwar pussess ta' terz ta' gramma kokajina;

12. Illi minn din l-ottika, l-appellant ghandu ragun fil-gravam dwar l-istqarrija tat-tfajla tieghu anke jekk mhux ghall-istess raguni minnu vantata;

13. Illi ghalhekk l-ewwel aggravju qed ikun akkolt u filwaqt illi ma hemmx raguni ghaliex tissindika it-tieni aggravju rigwardanti l-piena, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess tieni aggravju;

14. Konsegwentement filwaqt illi thassar is-sentenza tal-ewwel Qorti tiddikjara lill-appellant mhux hati u tilliberah.